Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 44 – 24 ta' Ottubru 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2022 fl-4:00pm ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**44.1 Talba**

44.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

44.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**44.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

44.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**44.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

44.4.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li saret mas-Sur Andrew Vella, Inġinier mal-Public Works (Malta) dwar l-iskema tal-programm LIFE 'Green Stormwater Infrastructure (GSI) demonstration Projects' li konna applikajna għalija permezz tal-Playingfield Amabile Cauchi. Bi pjaċir ħabbar li l-Kunsill Lokali se jibbenefika minn €200,000 sabiex jagħti bidu lil dan il-proġett ambizzjuż u jnaddaf l-ilqugħ tal-Wied ta' Simirat. Is-Sindku spjega kif iltaqgħu fuq il-post biex jiġi diskuss kif ser naħdmu u ma naħdmux fejn għaliha attenda wkoll il-Perit Godwin Sultana f'isem il-Kunsill tagħna.

44.2 Is-Sindku rrefera għall-wirja tal-karozzi antiki li nżammet ilbieraħ quddiem il-każini mill-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki fejn kellna attendenza tajba ħafna. L-attivita' ntlaqgħet tajjeb ħafna u kien hawn attendenza numeruża.

44.3 Is-Sindku rrefera għall- laqgħa li attenda għaliha tar-Reġjun Għawdex fejn fost l-oħrajn ġiet diskussa l-Plenarja li ser issir 25 u 26 ta' Novembru f'Għawdex. Fiha ser jkun hemm 5 workshop differenti u l-parteċipanti se jkunu mitluba jagħzlu l-workshop fejn iħossu li jistgħu jagħtu l-ikbar kontribut.

44.4 Is-Sindku rrefera wkoll għad-donazzjoni ta' erba' ebikes. L-iskop tagħhom huwa li dawn jintużaw minn żgħażagħ ta' 16-18 -il sena sakemm jakkwistaw il-liċenzja tal-karozza. L-iskop hu li nħajruhom jużawha kemm jista jkun sakemm jixtru karozza biex fl-istess ħin inkunu ninċentivawhom sabiex idumu ma jixtru karozza. Sar qbil li għandna nippjanaw il-kriterji li ser napplikaw.

44.5 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa mal-Pulizija tal-Kommunita'. Huwa spjega kif sfortunatament il-preżenza dejjem qed tonqos għaliex l-uffiċjali qed jkunu kollha stazzjonati f'Marsalforn u Xlendi. Huwa spjega kif hija ħasra li servizz tajjeb bħal dan li intlaqa' tant tajjeb spiċċa qed jiżżarma ftit ftit. Minn informazzjoni li tawna għandna nerġgħu lura għan-normal fil-ġimghat li ġejjin.

44.6 Is-Sindku nforma b'sodisfazzjoni li ġie ffirmat l-kuntratt għall-fondi ġodda li ngħatajna tal-Unjoni Ewropeja taħt il-miżura tal- 4.3 sabiex ssir Triq Daħlet l-Għama.

44.7 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa mal-ERA dwar il-Planning Gain li għandna mill-bini ta' Imgarr Heights li tammonta għal madwar €44,000 sabiex naraw kif nistgħu nutiliżżaw dawn il-fondi. Irrefera għall-proposta tal-proġett ta' quddiem l-iskola peress li jrid ikun proġett green.

44.8 Is-Sindku rrefera għall-mawra li organizza l-Kunsill fl-Italja, Slovenia u Austria. Huwa spjega kif din is-safra rnexxiet ħafna u kulħadd ħa pjaċir. It-tourleader Lawrence Sciberras mexxa tajjeb ħafna, ta' spjegazzjoni mill-aqwa għal kull post li żorna u addatta għal kull min kien preżenti rrelevanti l-eta'. Il-lukanda kienet tajba wkoll u anke l-postijiet li morna kienu meraviljużi. Sisu Tours wkoll għogbu joffri biljett b'xejn għas-sena 2023 lill-Kunsill Lokali t'Għajnsielem sabiex jagħmel użu kif jixtiequ minnu. Is-Sindku għalhekk ppropona li ssir lotterija u titmexxa mill-għaqdiet u l-qliegħ jkun għall-festa jew inkella ntuh lill-Għajnsielem F.C. Il-Kunsill qabel li għandna nagħtuh lill-parroċċa bi qliegħ għall-festa.

44.9 Is-Sindku rrefera għal żewġ ħaddiema ġodda li ġew assenjati mid-Dipartiment mal-Kunsill mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dawn kienu jifformaw parti mit-team ta' ħaddiema tal-FSWS li ġew trasferiti bħala labourers tal-Gvern. Sfortatament ir-relazzjoni ma' ħaddiem minnhom ma kinitx waħda tajba minħabba nuqqas ta' preżenza tiegħu għax-xoghol u tlabna sabiex jsir transferiment tiegħu.

44.10 Is-Sindku Kevin Cauchi propona li l-Minibus se tibda tintuża għal xi ġranet sabiex inwasslu l-anzjani għat-tilqima tal-influwena fil-poliklinika tar-Rabat billi din għal darb'oħra mhux ser tingħata Għajnsielem. Il-Kunsill qabel ma' dan.

44.11 Is-Sindku rrefera għall-attivita tal-għarqa li ser tinżamm fuq il-vapur tal-Gozo Channel nhar il-Hadd 30 t'Ottubru. Il-Kunsilliera huma lkoll mistiedna.

44.12 Ġiet trattata t-talba għal 'Hearse No Parking' quddiem iċ-Ċimiterju. Sar qbil li għandna nistaqsu lil Transport Malta.

44.13 Is-Sindku rrefera għat-tlestija tal-bankina taċ-ċimiterju li jidher li ntlaqghet tajjeb ħafna u wkoll għall-manutenzjoni tal-bankijiet ta' faċċata.

44.14 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-applikazzjoni li tfajna għall-MOC Awards 2022.

44.15 Is-Sindku nforma wkoll li x-xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq l-isfrundar tat-toroq ta' Triq Simirat u Triq Wied Rgħajjes tlestew.

44.16 Is-Sindku fakkar fiċ-ċerimonja ta' Jum it-Tifkira li ser tinżamm nhar il-Hadd 13 ta' Novembru b'quddiesa fl-10:00am u t-tqegħid tal-kuruni quddiem il-monument tal-vittmi.

44.17 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-laqgha li kellu f'Malta mas-Sindku ta' Loretu waqt btala li kellu f'Malta. Huwa spjega kif qablu li ser nibdew l-proċess tal-applikazzjoni tal-ġemellaġġ. Is-Sindku ta' Loretu wera x-xewqa li l-ewwel żjara ssir mill-Kunsill tagħna imbagħad jibdew bl-għaqdiet, banda, eċċ.

44.18 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-vandaliżmu u ħruq li sar fuq il-Belvedere ta'Sant'Eliju.

44.19 Is-Sindku propona li issir cleanup f'nofs Novembru f'Ta Passi. Sar qbil dwar dan.

## 44.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

44.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca faħħar lill-Kunsill għall-proġett tal-bankina u s-salib li sar quddiem iċ-Ċimiterju.

44.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg fakkar sabiex issir rampa fi Triq il-Gnien. Is-Sindku wieġbu li ser issir din il-ġimgħa.

44.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jinżabru xi siġar tal-ħarrub fi Triq Lourdes. Is-Sindku rrispondih li kkuntatja lil Joseph Bonello u ser jitkellem mal-ERA dwar dan.

44.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jitnaddaf borġ ġebel li waqa' fi Triq ta' Lourdes.

44.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar meta ser isir l-iżbir tas-siġar. Is-Sindku wieġbu li ser jinbdew nhar il-Ġimgħa.

44.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar meta ser inkomplu t-tisbiħ fuq id-dgħajsa ta' Triq iż-Żewwieqa. Sar qbil li nagħmlu injama f'nofsha biex isservi bħala bank.

44.5.7 Il-kunsillier Franco Ciangura talab sabiex isiru double yellow line fi Triq Sant'Antnin, eżatt fejn ser tiġi restawrata n-niċċa ta' Triq Sant' Antnin. Sar qbil li għandna ngħaddu din it-talba lil- Transport Malta peress li hija triq arterja.

44.5.8 Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għal talba ta' residenta li ta' kull darba qed ikissrulha t-tappiera . Sar qbil li għandna nibdluhielha f'waħda tal-ħadid jew naraw x' l-aħjar li jsir.

44.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex npoġġu bin ġdid fi Triq Raymond Caruana.

**44.6 Korrispondenza**

44.6.1 Ġiet trattata t-talba mingħand resident biex titranġa rampa u jitgħadda pipe tal-ilma tax-xita minn taħtha fi Triq Simirat kantuniera ma' Triq Gużeppi Cali.

44.6.2 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex titranġa l-bankina fi Triq Dun Ġużepp Galea Rapa.

44.6.3 Ġiet trattata t-talba għall-Hearse Parking quddiem iċ-Ċimiterju. Sar qbil li għandna nressqu t-talba lill-Transport Malta.

44.6.4 Ġiet trattata t-talba ta' resident biex teħel mera quddiem ir-residenza tiegħu fuq arblu eżistenti fi Triq Hamri ħdejn il-Bus Stop. Sar qbil li għandna nwaħħluha u jekk ikun hemm xi lmenti mingħand is-sidien ta' quddiem min ser titpoġġa għandha tinqala'.

44.6.5 Ġiet trattata t-talba mingħand il-persuna li kien involut fl-inċident ta' metasfrundat parti minn Triq Wied ir-Rgħajjes fejn talab sabiex inħallsulu l-ispejjes li jammontaw għal madwar €1400. Is-Sindku spjega kif ikkuntatja lill-avukat rigward din il-materja u proponielu li noffrulu nofs l-ispejjes u nagħmlu agreement miegħu li ma għandniex x'naqsmu aktar miegħu.

44.6.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex isir metru double yellow lines quddiem "Hortensia Court" fi Triq il-Ġnien sabiex resident b'diżabilita' u li għandu l-blue badge sticker jkun jista jipparkja l-electric bike tiegħu.

## 44.7 Tender tal-kostruzzjoni Latrina Pubblika

44.7.1 Is-Sindku rrefera għall-offerta tal-Latrina Pubblika fejn għalqet l-offerta u ma tefaggħa ħadd peress li kienet lot wieħed li jinkludi l-kostruzzjoni u plumbing. Sar qbil li għandna mmedjatament nerġgħu nippublikaw l-offerta billi naqsmuha f'żewġ lots.

## 44.8 Aktar skemi ġodda u riżultati ta' skemi oħrajn

44.8.1 Is-Sindku bi pjaċir ħabbar ir-riżultati tal-iskema tal-Finanzjament Milied mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bin-numru DLG - SPI/SCI/8/2022. Għal din l-iskema l-Kunsill se jingħata €33,912.00 għall-attivtajiet varji tal-Milied u t-tiżjin tal-Milied. Dawn jinkludu wkoll it-€3000 bħala artistic director li għaliha l-Kunsill ħatar lill- Għaqda Presepji Għajnsielem.

44.8.2 Is-Sindku rrefera għaż-żjara f'Bergamo in konnessjoni mal-inawgurazzjoni tal-esebizzjoni tal-presepji u dioramas imtella' mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju. Sar qbil li s-Sindku jmur jirrapprezenta lill-Kunsill u din iż-żjara tiġi ffinanzjata mill-Kunsill. Huwa spjega wkoll kif il-kunsilliera Stephen Mercieca u Teddy Saliba wkoll ser jattendu iżda ser iħallsu għal din iż-żjara huma personali.

44.8.3 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-Manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bin-numru - SPI/SCI/5/2022. Minn din l-iskema l-Kunsill ser jibbenifika s-somma ta' €4,970.16 sabiex jagħmel maintenance agreement fuq numru ta' snin fuq il-funtani ta' Pjazza 10 ta' Diċembru u Pjazza tad-Dehra.

44.8.4 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għall-iskema ta' Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex wkoll mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bin-numru SPI/SCI/1/2022. Għal din l-iskema l-Kunsill se jingħata s-somma ta' €28,925.50 sabiex jkompli jinvesti fil-playingfield Ghajnsielem Learning Garden.

44.8.5 Is-Sindku rrefera wkoll għall-iskema li ħarget Innovative Technology in Local Communities' mill-MDIA u sar qbil li għal din l-iskema l-Kunsill għandu japplika għal sistema ta' CCTV madwar il-lokalita li tinkludi features ta' Artificial Intelligence sabiex il-camera tkun intelliġenti u tgħaraf meta jkun hemm problemi ta' traffiku, vandaliżmu etc.

### 44.9 Halloween 2022

44.9.1 Is-Sindku spjega li l-preparamenti għaddejin ġmielhom grazzi għax-xogħol tal-ħaddiema tagħna Josef Camilleri u Joseph Mallia. Huwa spjega kif l-attivita' ser issir fuq tlett ijiem mid-29 ta' Ottubru sal-31 t'Ottubru. Is-Sibt 29 ta' Ottubru se jkollna band 'Straitahead' u possibilment DJ wara. Bħala spejjeż ser ikollna spejjes ta' kostruzzjoni tal-kamra u dekorazzjonijiet, l-band inkluż sound, kiri dwal professjonali, sound ġol-ġnien, bejgħ ta' pasti, sezzjoni ta' crafts, pumpkin carving, security u xiri ta' aktar props. Se jkun hemm wkoll animaturi u se ssir attivita żgħira għat tfal tal-iskola. L-attivita' tal-Gimgħa 28 t'Ottubru ser tkun fi tqassim ta' ħelu lit-tfal tal-iskola waqt il-ħin tal-ħruġ tagħhom.

44.9.2 Sar qbil li l-attivita' tas-Sibt tibda fil-5pm filwaqt li dik tal-Ħadd tibda fit-3:00pm.

44.9.3 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li ffirmajna kuntratt mad-Direttorat tal-Kultura sabiex ningħataw €2,500 sabiex jsir Halloween.

### 44.10 Milied u Bethlehem f'Għajniselem 2022

44.10.1 Is-Sindku spjega kif bħala budget din is-sena se jkollna għajnuna tajba mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn ser ningħataw €33,912.00 mill-iskema SPI/SCI/08/2022. Min dawn jridu jitnaqqsu l-ispejjż €3,000 lil artistic director li se jkun Paul Stellini f'isem l-Għaqda tal-Presepji Għajnsielem.

44.10.2 Is-Sindku spjega kif huma mportanti li dan il-budget jitqassam bil-għaqal u jintefaq kemm jista jkun f'attrazzjonijiet li jibqgħu jintużaw u jitgawdew minn sena għal oħra apparti l-kiri ta' dwal tat-toroq li jsiru ta' kull sena.

44.10.3 Il-Kunsill qabel li fost l-oħrajn jsir Presepju aristku mill-artist George Cutajar Zahra li jikkumplimenta l-kor u l-anġli tad-daħla tal-iskola li saru fis-snin ta' qabel. L-istima ta' din l-ispiza tammonta għall-€3700.

44.10.4 Sar qbil ukoll li fil-ġnien tal-kunsill ser jiżdiedu 'Nutcrackers' u tiżjin ieħor.

44.10.5 Bħala attrazzjoni ġdida din is-sena ser jsiru żewġ linef tal-ħadid li jikkumplimentaw is-siġra tal-Milied u jiġu dekorati bil-flixken tal-ħġieġ. Sar qbil li l-qafas ta' din is-siġra jinħadem minn Francis Buttigieg għall-prezz ta' €1900.

44.10.6 Sar qbil li din is-sena tiżżejjen ukoll Pjazza Tolfa. Sar qbil li għandna ninkarigaw lill-Għaqda tan-Nar sabiex tieħu ħsieb it-tiżjin tagħha.

44.10.7 Sar qbil ukoll li fi Triq Fawwara se jiġi estiż s-saqaf tad-dawl lejn il-playingfield u s-Sindku propona wkoll dwar il-possibilita' li din is-sena jiġu ntrodotti xi dwal fi Triq il-Mogħdija.

44.10.8 Sar qbil ukoll li jinxtraw ħames siġriet simili għal dak li kien hemm fuq it-taraġ ta' Pjazza 10 ta' Diċembru u jitpoġġew quddiem l-każini.

44.10.9 Is-Sindku Kevin Cauchi propona wkoll li għandna niġbru stima sabiex indawwru dwal madwar is-siġar tal-pjazza ewlenija.

44.10.10 Is-Sindku Kevin Cauchi propona wkoll li għandna nagħmlu video professjonali biex jintuża bħala marketing ta' Għajnsielem bħala il-Villaġġ tal-Milied.

44.10.11 Sar qbil li t-tiżjin tad-dwal tal-Milied jinqasam bejn il-kuntratturi li kapaċi joffru dan is-servizz.

44.10.12 Bħala attivitajiet għat-tfal u anzjani ġie propost li jsiru l-attivitajiet tat-tfal u tal-anzjani, dawra bit-train ma' Għajnsielem, l-attivita' ta' Santa Clause fil-pjazza, Sports Day għat-tfal u tqassim ta' rigali lejliet il-Milied.

44.10.13 Is-Sindku għamel referenza għall-finanzjament li l-Kunsill akkwista għall-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem li jinkludu f'€20,000 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u €10,000 mill-Ministeru għal Għawdex. Huwa enfasizza li huwa mportanti ħafna li dan l-ammont ma jinqabiżx għaliex sena ilu din l-attivita' tefgħet piż finanzjaru kbir fuq il-Kunsill.

44.10.14 Is-Sindku propona li għandna ninvestu parti minn dan l-ammont f'security cameras li jibqgħu fil-post is-sena kollha. Il-Kunsill qabel ma' dan.

44.10.15 Sar qbil li għandna ninkarigaw lill-Għaqda tal-Armar sabiex joffru s-servizz ta' ushering. Sar qbil ukoll li għandna nordnaw is-servizz ta' tlett securities ghal kull attivita'.

44.10.16 Is-Sindku rrefera għas-self tal-ħaddiem Rudolph Cauchi iżda rrimarka wkoll li ma ntbghatux ħaddiema mill-Ministeru għal Għawdex kif kien imwiegħed.

44.10.17 Is-Sindku rrefera għax-xogħolijiet li għaddejjin fejn jidħlu preparamenti kemm permezz tal-voluntiera u kif ukoll tal-ħaddiema tagħna, mill-kuntratturi u qed nistennew li jiġu xi ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex wkoll.

44.10.18 Ix-xogħol ta' bini mill-ġdid tal-lukanda ser jiġi afdat lill-mastrudaxxa Chris Mifsud. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura qal li l-voluntiera qed jaħdmu fuq l-bini tal-arena, l-istrutturi li nħarqu u manutenzjoni oħra meħtiega fosthom fuq il-bridge tan-naħa l-oħra tad-dgħajsa, u hemm bżonn ukoll li l-injam li spiċċa jinbidel f' ħadid .

44.10.19 Bħala ġranet tal-ftuħ wara laqgħa tal-Kumitat li saret nhar is- 27 ta' Settembru sar qbil li l-iskeda se tkun hekk:-

- L-inawgurazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem ser isir nhar it-Tlieta 13 ta' Diċembru f'Għajnsielem.
- Il-Hamis 15 ta' Diċembru - 9.30am - 12.00pm *(edizzjoni għat-tfal tal-iskejjel)*
- Is-Sibt 17 ta' Diċembru
- Hadd 18 ta' Diċembru filgħodu (edizzjoni ġdida bil-partecipazzjoni tat-tfal bil-kostum)
- Nhar il-Milied, il-Hadd 25 ta' Diċembru
- It-Tnejn 26 ta' Diċembru
- It-Tlieta 27 ta' Diċembru
- Il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru
- Fl-ewwel tas-Sena, il-Hadd l-1 ta' Jannar
- Il-Hadd 8 ta' Jannar (l-Adorazzjoni tal-Maġi).

44.10.20 Is-Sindku qed jissuġerixxi li l-ftuħ jsir mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Alison Zerafa Civelli minħabba l-għajnuna kbira li tagħtna flimkien mal-Ministru għal Għawdex.

4.10.21 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal fatt li bdew jarmaw il-linef u dritt wara tinbeda l-Christmas Tree. Ġie diskuss il-programm tal-inawgurazzjoni tas-Siġra u l-Viċi Sindku propona li nqassmu l-imbuljuta u mqaret lil dawk preżenti bħala tradizzjoni tal-Milied.

## 44.11 Aġġornament dwar Proġetti

44.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update dwar il-progetti kurrenti:

44.11.2 **Triq Ħamri** - Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal-laqgħa li kellu mal-Kuntrattur u mal-Water Services Corporation sabiex jittieħdu il-livelli u jidher li x-xogħol huwa iminenti li jibda permezz tas-servizz tad-drenaġġ.

44.11.3 **Pjazza Tolfa** - Is-Sindku rrefera għall-iffirmar tal-ftehim mal-Awtorita' tal-Ippjanar li kkonfermaw is-somma tal-€165,000 għal dan il-proġett mid-DPF funds. Il-ħsieb hu li dan il-proġett jitlesta sa' Mejju 2023 sabiex jiġi inawgurat għal 20 sena mill-Ġemelaġġ bejn Għajnsielem u Tolfa.

44.11.4 **Playingfield Gudja** - Is-Sindku rrefera għat-tkomplija ta' dan il-proġett fejn wasal fil-fażi fejn is-servizzi huma lesti u issa jmiss il-fażi tat-tqegħid tal-madum imbagħad eventalwment ikun imiss l-installazzjoni tal-playingfield equipment.

44.11.5 **Librerija u ċentru marittimu** - Saret referenza mis-Sindku għall-proġett tal-librerija u Centru Marittimu. Huwa spjega kif ix-xogħol fuq is-sular t'isfel tal-librerija huwa lest u issa qed nistennew il-bennej jkompli is-sular ta' fuq. Il-Perit Godwin Sultana qed jaħdem sabiex jinħareġ it-tender ta' finishings u eventwalment

tal-equipment sabiex jkun jħaddan fih wkoll ċentru edukattiv maritimmu bħala parti mill-proġett tal-AMPPA (Interreg).

44.11.6 **Public Convenience** - Is-Sindku għamel referenza għal fatt li t-Tender ġiet ippublikata izda ma' tefagħha ħadd. Sar qbil li għandna nerġgħu nippublikawha u tinħareġ fuq lots.

44.11.7 **Proġett Triq Qigħan** - Għal dan il-proġett, it- Tender ġie awarded u qed jsiru preparamenti sabiex ix-xogħol jinbeda kemm jista jkun malajr.

44.11.8 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja** - Is-Sindku rrefera għal waqfien tal-proċess tal-permess minħabba li ġejna mitluba aktar informazzjoni mill-ERA dwar tip ta' siġar etc. Huwa spjega kif il-perit qed jaħdem fuq dawn il-kjarifiċi.

44.11.9 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra** - Għal dan il-proġett qed jitlesta d-dokument tat-tender. Sar qbil li għandu jiġi ppublikat appena jkun f'idejna.

44.11.10 **Triq Daħlet l-Għama** - Dan il-proġett ukoll jinsab fil-fażi tat-tlestija tad-dokument tat-tender. Sar qbil li wkoll għandu jiġi ppublikat appena jkun f'idejna.

## 44.12 Hruġ ta' offerti

44.12.1 Sar qbil li għandna nippublikaw l-offerti tal-Marine Interpretation Centre u tar-Resurfacing ta' Dahla tal-Ghama appena jghaddulna d-dokumentazzjoni mehtiega l-Periti.

## 44.13 Ċelebrazzjonijiet ta' 30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali

44.13.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgha Plenarja li ser tigi organizzata mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar il- 25 u 26 ta' Novembru f'Għawdex u ser tkun iddedikata għat-tema ta' 30 Sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

44.13.2 F'din l-okkazzjoni ser issir laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki nhar il-5 ta' Novembru, fejn ser jiġi mniedi dokument ta' konsultazzjoni mill-Assoċċjazzjoni, bħala bażi ta' konsultazzjoni fil-proċess ta' konsultazzjoni imniedi mis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali. Hemmhekk, ser jiġu spjegati u diskussi diversi temi li l-Assoċjazzjoni tħoss li huma ta' prijorita' għat-tisħieh tal-Kunsilli Lokali u Regjonali ġewwa Pajjiżna. Dan id-dokument ser jintbgħat lill-Kunslliera kollha wara din il-laqgħa, sabiex ikollhom iċ-ċans jarawh qabel il-laqgħa tal-Plenarja.

44.13.3 L- Onorevoli Alison Zerafa Civelli, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali nidiet il-Proċess ta' Konsultazzjoni għall-Istrateġija tal-Gvern Lokali. L-Onor

Zerafa Civelli ser tkun qeda tiltaqa' mal-Kunsilli Lokali Għawdxin nhar is-17 ta' Novembru 2022 bejn is-2.30pm u l-4.30pm fis-Sala tal-Kunsill Lokali Għarb.

**44.14 Ġieħ Għajnsielem 2022**

44.14.1 Sar qbil li ċ-ċerimonja għal Ġieħ Għajnsielem 2022 għanda issir nhar l-10 ta' Diċembru fis-7:15pm u qabel issir laqgħa apposta sabiex jiġi nnominat persuna għal dan il-ġieħ. Il-Kunsill qabel li l-attivita' għandha terġa ssir bħas-snin ta' qabel fil- Knisja u wara jsir riċeviment fil-Każin.

**44.15 Materji oħra**

44.15.1 Għal-laqgha attenda l-Perit Godwin Sultana u flimkien ġie diskuss il-Bill of Quantity tal-librerija li ser jammonta bejn €40,000 u €50,000.

44.15.2 Sar qbil li għandha ssir ħarġa għall-anzjani nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru 2022 billi tkun tinkludi quddiesa f' Ta' Pinu u wara ikla u tombla fl-Odyssey Restaurant, Marsalforn.

**44.16 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

42.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**42.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

42.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2022 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**